MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 584/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Angelo Attard**

Kaz Numru: 584/2013

Illum 7 ta’ Jannar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Angelo Attard**, bin Anthony u Tarcisia neé Attard, imwieled fil-11 ta’ Ottubru 1964, residenti fil-fond 14, Triq Pompei, Rabat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 40964(G), akkuzat talli nhar it-28 ta’ Settembru 2013 ghall-habta ta’ 14:00 hrs bhala detentur tal-licenzja tal-

fond bl-isem ‘Pirates Galley Mobile Kiosk’ li jinsab fi Triq ix-Xatt, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. naqas li jhares xi dispozizzjonijiet jew kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja u cioé pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju jew aktar mill-ammont permess mil-licenzja tal-Awtorita’ Kompetenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti u mismugha jirrizulta li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b’hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ elf u mitejn euro (€1,200.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------